***Diskors Mons. Anton Gouder AGM Moviment ta Kana 2009***

IL-FAMILJA
Att ta' Fidi, Tama u Mhabba

Diskors waqt il-Laqgha Generali Annwali
tal-Moviment ta' Kana
20 ta' Marzu, 2009

Dun Anton Gouder – Pro Vigarju Generali

"Li tibda familja f'din id-dinja mqallba huwa att ta' fidi,
hija mhatra li kontra kull tbassir il-futur jezisti,
li l-imhabba tista' tibqa',
li l-qalb tista' tirbah fuq kull kuntrarju,
kif ukoll fuq il-morsa taz-zmien."

Creating a family in this turbulent world is an act of faith, a wager that against all odds there will be a future, that love can last, that the heart can triumph against all adversities and even against the grinding wheel of time."
-Dean Koontz, From the Corner of His Eye
Koontz huwa awtur Amerkan ta' novelli li biegh 375,000,000 ktieb fi 38 lingwa differenti. Huwa nnifsu mizzewweg.
Jista' jkun li dan l-awtur ghandu vizzjoni pessimista tal-hajja u tal-futur. Imma huwa veru wkoll li fi ftit frazijiet qosra, irnexxielu jaghtina numru ta' kwalitajiet fundamentali dwar x'inhi l-missjoni tal-familja:

• Att ta' fidi (Ghaliex xejn mhu assolutament cert, bhal kull haga ohra marbuta mal-futur. Ukoll ghaliex fiz-zwieg u l-familja mhux kollox jiddependi mir-ragel jew mill-mara biss.)

• Il-futur jezisti (Anzi wahda mill-missjonijiet principali tal-familja hija propju dik li permezz tat-tnissil u t-trobbija tajba ta' l-ulied, il-futur ikun garantit; anzi li futur tajjeb ikun garantit).

• L-imhabba tista' tibqa': (Ghaliex il-verità hi li min ihobb tassew ihobb ghal dejjem. Hadd mhu lest li jhobb ghal xi zmien jew li jkun mahbub/a ghal xi zmien)

• Il-qalb tirbah fuq il-kuntrarju: ghaliex il-kuntrarju, it-tbatija, id-dnub huwa realtà li ma naghmlux sew jekk nippretendu li ma jezistux. Anzi din hi realtà li rridu nirrikonoxxuha u nikkumbatuha.

• Kif ukoll fuq il-morsa taz-zmien: ma nafx ezatt x'ried jifhem b'din l-espressjoni. Imma nahseb li z-zmien kapaci jghaffeg u jishaq dak li huwa sewwa. Imma maz-zmien, ir-rota ddur u l-bniedem ta' rieda tajba jerga' jqajjem mill-gdid u jgedded dak li jkun kisser qabel.

Jekk dan huwa veru ghall-koppja li tippjana li tibni familja,
kemm aktar huwa veru ghall-Knisja li tghozz u tiddefendi l-familja? Iva, il-knisja taqdi din il-missjoni b'fedeltà u b'konsistenza bhala

Att ta' fidi –♣ imma issa mhux fidi fiha nnifisha; imma fidi fl-Imghallem taghha, li qabilha sab l-ghaxqa tieghu fil-familja (twieled f'familja u biex ghamel dan ivvinta l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni; ghex 91 fil-mija ta' hajtu esklussivament fi hdan il-familja; ghallem favur familja kif ghamilha Alla fil-bidu tal-holqien u saffiha minn dak li ngabar maz-zmien; fahhar bhala mhux qasba tixxejjer mar-rih u bhala aqwa minn profeta lill-ewwel martri tal-fedeltà tal-familja li hallas b'demmu, Gwanni l-Battista).
Att ta' tama fil-futur – ghax nemmnu♣ fil-qawwa ta' Kristu li jifdi l-hazen; ghax nemmnu wkoll li l-futur ma jispiccax hawn, imma l-futur ikompli wkoll fejn imbaghad "la jzewwgu u l-anqas jizzewwgu" ghax inkunu lhaqna l-milja tal-holqien taghna.
Att ta' mhabba – fuq♣ il-mudell ta' l-imhabba ta' Kristu li hija:
- libera
- fidila
- totali
- taghmel il-frott (dielja li taghmel frott basta frieghi jibqghu maghqudin maz-zokk)

Att ta' fidwa – ir-rebha fuq id-dnub u fuq⎤ l-istrutturi tad-dnub li sa mill-bidunett laqtu l-familja. Ghaliex kien l-ewwel dnub
- li rvina l-individwi ta' l-ewwel koppja, ghax filli jgawdu l-innocenza, filli indunaw li kienu gharwenin
- li rvina r-relazzjoni ta' l-ewwel koppja ma' Alla, ghax issa ma baqghux jistennewh jinzel jippassigga maghhom fil-gnien ta' l-Eden, imma marru jistahbew minnu
- li rvina r-relazzjoni ta' bejniethom, ghaliex filli jilqaghha bhala "ghadma minn ghadmi u laham minn lahmi" u filli jwahhal fiha quddiem Alla li dak li ghamel ghamlu tort taghha
- li rvina r-relazzjoni taghhom mal-holqien u man-natura (twahhal fis-serp; ix-xoghol sar bit-tbatija kif ukoll il-hlas ta' l-ulied)
- li rvina ir-relazzjoni wkoll ta' wliedhom (Kajjin jghir u joqtol lil Abel)

Garanzija taz-zmien – il-garanzija li ghandha l-Knisja minghand Kristu⎤ li jibqa' maghha sa l-ahhar taz-zmien. U l-prezenza ta' Kristu hija wkoll prezenza li thalli l-frott. U hija wkoll prezenza li tiggwida lill-Knisja fil-qari u fl-interpretazzjoni tas-sinjali taz-zminijiet.

Mela jekk dan huwa veru ghall-Knisja li tghozz u tiddefendi l-familja b'fedeltà u konsistenza, huwa veru wkoll ghal dawk li huma fdati mill-Knisja u fil-Knisja, bil-missjoni ta' l-appostolat tal-familja. F'pajjizna, ghal 52 sena shah, fuq quddiem nett f'dan l-appostolat ghandna l-Moviment ta' Kana.

Il-fundatur, Mons.⎤ Charles Vella spiss jirrakkonta li Monsinjur Arcisqof Mikiel Gonzi kien sejjah lill-Moviment ta' Kana bhala Moviment Providenzjali. Providenzjali tfisser frott tal-Providenza ta' Alla; mela marbut mar-rieda ta' Alla.

Allura,⎤ il-Moviment ta' Kana ghandu l-isfida li kontinwament isahhah ir-rabta tieghu ma' Kristu, u mal-Knisja, fl-ispirazzjoni, fil-vizjoni, fil-programmi ta' formazzjoni u fis-servizzi li joffri ghall-familja.

Ghaliex qed insejhilha sfida?

Ghaliex nemmen (bhall-maggoranza kbira taghkom) li r-rabta ma' Kristu u mat-taghlim tal-Knisja ghandu effett pozittiv mizjud b'risq il-familja naturali u l-familja nisranija. Imma naf ukoll li fl-ideja ta' xi whud, illum, dak li gej minn Alla ifixkilhom fid-djalogu taghhom maghna. U jista' jkun ukoll li din il-mentalità saret tfixkel ukoll lil xi whud minna, jigifieri, li jhossu li biex niddjalogaw mas-socjetà civili, irridu npoggu fil-genb dak li tana Alla l-imbierek b'risq il-familja u z-zwieg.

Il-Moviment ta' Kana, kien l-ewwel istituzzjoni f'pajjizna li gharfet il-valur tax-xjenzi u x-xjenzi socjali u applikathom ghas-servizz ta' l-Evangelju.

Min kien johlom b'counselling professjonali f'pajjizna qabel il-Moviment ta' Kana? U dan dejjem b'lejalta lejn il-principji li jsawwru u jsahhu l-familja nisranija?

Min kien l-ewwel f'pajjizna li gab flimkien ix-xjenza medika u l-harsien tal-kuxjenza fit-taghlim u l-parir lill-genituri biex ikunu genituri responsabbli bil-metodi naturali ta' ippjanar tat-tnissil?

Liema moviment u agenzija qabel il-Moviment ta' Kana waqqaf support groups biex fi spirtu ta' fidi, tama u mhabba jaghti appogg lil diversi kategoriji ta' koppji u persuni?

Matul dawn is-snin kollha, il-Moviment irnexxa u irnexxa fis-sens li f'isem il-Knisja, ta servizz tajjeb lill-familja Maltija. Irnexxa ghaliex kellu stima kbira u taghrif tajjeb kemm ta' dak li jrid Alla kif ukoll ta' dak li jghidulna x-xjenzi umani.

Ghall-grazzja ta' Alla, qeghdin naghmlu din il-laqgha generali. Din mhix laqgha generali biex naghmlu wrap up, jigifieri biex nikkonkludu l-hidma ta' dan il-Moviment. Din hija laqgha generali li trid tkun wake up call ghall-Moviment fil-hafna taqsimiet tieghu u wake up call lill-familji Maltin. U din il-wake up call trid tkompli tkun f'zewg direzzjonijiet:

Fedeltà lejn Gesu: l-ispiritwalità¬ ta' kull wiehed u wahda li jaghtu sehmhom hawn. U din l-ispiritwalità trid tkun riflessa fis-servizzi li naghtu. Din il-fedeltà lejn it-taghlim ta' Gesu trid tkun rifessa wkoll fil-formazzjoni u sostenn li naghtu.

Id-direzzjoni¬ l-ohra trid tkun li irridu nkunu prezenti fis-Socjetà bit-taghrif li jaghtuna x-xjenzi umani wkoll. Irridu nkunu prezenti mhux biex nirbhu xi haga ahna, imma biex inkunu ta' servizz ghall-familja Maltija.

Fuq il-bazi ta' l-gherf u r-ricerki xjentifici, irridu naghtu sehemna fis-socjeta biex

a) il-familja naturali tibqa’ rikonoxxuta bhala relazzjoni specjali u li l-edukazzjoni trid issir fid-direzzjoni taghha;

b) li jkollna politika nazzjonali ghall-familja li thares lejn il-veru gid tal-familja Maltija minghajr ma titraskura l-bzonnijiet reali ta’ persuni li jinsabu f’xi forma ta’ relazzjoni ohra

c) inharsu l-hajja mill-ewwel mument tat-tnissil sal-mewt naturali bla ekwivoci

d) li l-edukazzjoni ghas-sesswalità tkun tassew edukazzjoni ta’ rispett u dinjità lejn il-persuna tar-ragel u tal-mara bl-inkoraggiment kollu mehtieg

e) li nikkontribwixxu fid-diversi oqsma tal-media halli dawn it-tezori jkunu maghrufa u apprezzati u ma nhallux il-ftit ilhna jahsbu li qed jirrapprezentaw lill-familja taghna u lill-poplu Malti.

Forsi fil-bidu, lil Dean Koontz hassejnih negattiv. Imma nahseb li tana spunti tajbin biex f’din il-wake up call

Naghmlu l-att ta’ fidi mehtieg
l-att ta’ tama fil-futur
maghquda fl-imhabba taghna ghall-verita
b’risq il-familja Maltija ta’ llum u tal-futur.